MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 467/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta’ Gunju tas-sena elfejn u wahda (2001) (Dok. A), u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;

Illi l-partijiet resqu ghal kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil datat l-ghoxrin (20) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dok B);

Illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba’ snin mifrudin fattwalment;

Ili l-esponenti tissottometti illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut lejn l-esponenti;

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament, li permezz taghha iddikjara illi ma jopponix ghat-talba maghmula mir-rikorrenti martu ghall-hall taz-zwieg taghhom u jaqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispizizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament

senjalat mir-rikorrenti fit-talba promotur taghha b'dan illi l-ispejjez tal-istess ghandhom jigu sapportati mill-istess rikorrenti martu;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Mejju 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------